**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 13 ta' Marzu 2023**

**Rikors Nru. 277/2019 GM**

**Peter Agius (K.I. 131770M)**

**vs**

**Joseph Camilleri (K.I. 412756M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Peter Agius li permezz tiegħu wara li ppremetta illi:

> 1) Permezz skrittura datata 6 ta' Diċembru 2017, hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok A' l-konvenut ġie mogħti appalt għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni ġewwa s-sit li jinsab fi Triq Patri Guże' Delia, Mosta proprjeta' tal-konvenut.
>
> 2) Permezz ta' ittra mibgħuta mill-konvenut lill-attur nhar l-1 ta' Ottubru 2018 l-istess konvenut iddeċieda illi jwaqqaf il-kuntratt ta' appalt li ġie ffirmat nhar is-6 ta' Diċembru 2017.
>
> 3) L-attur sa data tal-1 ta' Ottubru 2018 kien eżegwa diversi xogħlijiet ġewwa s-sit fuq indikat u dan kif jidher anke miż-żewġ kontijiet illi ħareġ il-Perit Raymond Sammut datati 10 ta' Ottubru 2018 u 12 ta' Ottubru 2018 rispettivament mmarkati bħala 'Dok B' u 'Dok C.

4) Skont l-istess kejl u kontijiet maħruġa mill-Perit Raymond Sammut l-attur kien dovut jitħallas għax-xogħlijiet minnu magħmula s-somma komplessiva ta' mija u tmintax-il elf sitt mija u għoxrin ewro (€118,620). Illi l-konvenut ħallas parti minn dan l-ammont u cioe' s-somma ta' tmenin elf ewro (€80,000), b'hekk jifdal bilanċ dovut lill-attur fl-ammont ta' tmienja u tletin elf sitt mija u dsatax-il ewro (€38,619).

5) Minkejja diversi interpellazzjonijiet nkluż permezz ta' ittra uffiċjali bin-nunuu 4461/18 għal ħlas il-konvenut baqa' inadampjenti.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' tmienja u tletin elf sitt mija u dsatax-il ewro (€38,619) li huwa bilanċ minn somma akbar jew kull somma oħra verjuri akbar jew iżgħar li tista' tiġu stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti u dan okkorendo bl-opera ta' periti nominandi.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Joseph Camilleri li permezz tagħha eċċepixxa illi:-

1. It-talba attriċi hija infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u dan stante illi l-ammont indikat mill-attur fir-rikors tiegħu ma huwiex dovut u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża.

2. Inoltre, mhux talli l-esponenti ma għandux jagħti lill-attur, iżda huwa l-attur illi għandu jirrifondi lill-esponenti s-somma ta' ħdax-il elf u ħamsa u erbgħin ewro (€11,045), u dan oltre danni ikkaġunati lill-esponenti, liema danni jikkonsistu fi spejjeż addizzjonali, rati ferm ogħla, telf ta' bejgħ minħabba li x-xogħol waqa' lura, u xogħol ieħor li kellu jsir mill-ġdid minħabba illi kien sar ħażin mill-attur, u li l-esponenti sofra minħabba li kellu jinkariga lil ħaddieħor sabiex ikompli bix-xogħlijiet, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża;

3. Fil-fatt, l-esponenti għar-rigward dak li qed jiddikjara fit-tieni (2) risposta tiegħu, intavola kawża (Rikors Ġuramentat Numru 320/2019 LM) li sa llum għadha mhix appuntata.

Rat il-provi mressqin fil-proċess numru 320/2019 tal-kawża fl-ismijiet inversi li nstemgħet flimkien ma' din il-kawża.

Rat li l-partijiet naqsu li jressqu sottomissjonijiet fiż-żmien lilhom mogħti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat**

F'din l-azzjoni l-attur qiegħed jippretendi l-ħlas tal-bilanċ ta' ħlas għal xogħlijiet minnu eżegwiti f'sit fil-Mosta fuq inkariku tal-konvenut. Dawn ix-xogħlijiet kienu pattwiti skont ftehim datat 6 ta' Diċembru 2017.

Il-konvenut oppona t-talba attriċi bl-eċċezzjonijiet li x-xogħlijiet eżegwiti ma sarux skont l-arti u s-sengħa u kienu difettużi tant li parti minnhom kellhom jerġgħu jinqalgħu u li huwa l-attur li għandu jirrifondi flus lilu.

Jirriżulta li x-xogħol kellu jibda' fl-**1 ta' April 2018** u jispiċċa fil-**31 ta' Marzu 2019.** Billi x-xogħol miftiehem ma sarx kollu fiż-żmien miftihem u, skont l-konvenut f'biċċa minnu sar ħażin, il-konvenut waqqaf l-appalt, u qabbad lil ħaddieħor biex isewwi x-xogħol li sar ħażin u jtemm il-binja.

Fl-1 ta' Ottubru 2018 il-konvenut qabbad avukat biex jgħarraf lill-attur li kien qiegħed iwiddbu illi f'każ li ma jkomplix bix-xogħlijiet fi żmien ħmistax-il ġurnata, se jkollu jiġi tterminat il-kuntratt ta' bejniethom.[1] Il-konvenut seta' jagħmel dan għaliex fil-kuntratt ta' bejniethom hemm stipulat illi:

> The customer may terminate this Agreement without any obligation to compensate the contractor for such termination, in the event of:
>
> The contractor' suspension of work for a period of more than seven (7) days;
> The contractor's failure to complete the work within the stipulated period or milestone

[1] Dok JC2 a fol 14 fil-proċess 320/19

> The contractor' abandonment of work; (abandonment implies that the contractor fails to show up on site with a sizeable workforce for a period of three weeks) and/or any other contractor's material breach of this agreement.
>
> Provided however, that the customer has given the contractor at least seven (7) days written notice of the termination and the opportunity to cure the breach within fifteen (15) days from notification. Should the Contractor not remedy ther breach within the timeframe provided, this Agreement shall terminate ipso jure without the necessity for the Customer to obtain any judicial declaration of termination.[2]

Fis-17 ta' Ottubru 2018 Agius irrisponda għal din l-ittra li kien għad fadallu jitħallas il-bilanċ ta' €38,619[3].

Għal dawn iċ-ċifri, il-partijiet imxew fuq il-kontijiet maħruġin mill-Perit Sammut. L-ewwel kont inħareġ fl-**10 ta' Ottubru 2018** għal-livell 1 u 2 u parti mill-pedamenti li kien jammonta għal €94,017.92[4].

Irriżulta illi kien hemm żball ta' €10,311.79 f'dan il-kont li m'hemmx kontestazzjoni fuqu. Għalhekk il-kont korrett kellu jkun ta' €83,706.13. L-attur jgħid illi kien hemm xi xogħlijiet żejda li għamel waqt li kien għaddej bil-proġett iżda ma ġabx ċifra eżatta ta' dawn ix-xogħlijiet u l-Perit xehed illi jekk kemm-il darba kien hemm xi xgħolijiet żejda bhalma qed jgħid l-attur, dawn kienu minimi u ma kienux se jaffettwaw l-ammont tal-kontijiet.

It-tieni kont inħareġ fit-**12 t' Ottubru 2018** ammontanti għal €24,601.91 li kien għal-*construction tal-crane footing.* Il-ftehim kien li jagħmlu *tower crane* li kellu jkun fiċ-ċentru tal-*lift* u kellu bżonn bażi tal-konkos u dan huwa l-kont ta' dik il-bażi tal-konkos.[5] Din il-bażi bnieha l-kuntrattur Peter Agius u baqgħet hemm u

[2] Vide Dok JC1 a Fol 10
[3] Dok JC3 a fol 15 Ibid
[4] Dok B a fol 10 fil-proċess 277/2019
[5] Dok C a fol 19 *ibid*.

intużat ukoll meta l-attur ma baqax jahdem fuq dik is-sit. Il-Perit Sammut xehed illi dan l-ammont ta' bażi tal-konkos kellu jħallsu l-konvenut.

Il-Perit Sammut xehed illi dawn il-kontijiet inħarġu wara li marru fuq is-sit iż-żewġ partijiet flimkien miegħu sabiex jivverifikaw il-kejl. Jiġifieri, il-Perit kompla jispjega meta joħroġ kont ikun ifisser li l-kuntrattur ikun għamel dawk ix-xogħlijiet u jrid jitħallas tagħhom skont ir-rati maqbula bejniethom.

**Ikkunsidrat**

Jirriżulta f'dan il-każ li l-attur wettaq parti mix-xogħlijiet li l-konvenut qabbdu jagħmel.

Il-kuntrast bejn il-kontendenti hu kienx hemm raġuni jew le għat-twaqqif tal-appalt.

Fejn il-kommittent jittermina l-appalt sempliċiment in virtu` tal-fakolta` lilu konċessa bl-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Civili, l-appaltatur mhux biss ikollu dritt ta' azzjoni għall-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu iżda wkoll somma għall-qligħ li jkun tilef (Artikolu 1640(2)). Jekk imbagħad min ikun ordna x-xogħol ikollu raġuni valida li tista' tiġi attribwita lill-appaltatur dan id-dritt għall-qligħ ma jkunx intitolat għalih (Artikolu 1640(3)) tal-Kodiċi Ċivili.

Issa fil-każ in eżami l-attur-appaltatur mhux qed jitlob kumpens għal telf ta' qligħ li seta' jagħmel iżda biss il-ħlas tal-bilanċ għax-xogħlijiet minnu eżegwiti.

L-eċċezzjoni tal-konvenut illi sar xi xogħol kien ħażin ma ġietx ippruvata.

L-eċċezzjoni ta' danni minħabba spejjeż żejda, rati ogħla ta' xogħol mill-kuntrattur il-ġdid, u telf ta' bejgħ minħabba li x-xogħol waqa' lura huma mertu tal-kawża fl-ismijiet inversi u għalhekk din il-Qorti f'din il-kawża mhix sejra tiegħu konjizzjoni tagħhom.

Il-kontijiet maħruġa mill-Perit li kellhom jitħallsu mill-konvenut kienu jammontaw għal €83,706.13 u €24,601.91 – total ta' €108,308.04. Il-konvenut kien diġa` ħallas €81,000 u għalhekk fadallu jħallas bilanċ ta' €27,308.04.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

(1) Tilqa' in parte l-ewwel talba attriċi billi tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' €27,308.04, bilanċ minn somma akbar, dovuti għall-appalt *de quo.*

Spejjeż 3/5 għall-konvenut u 2/5 għall-attur.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA